MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KOLLIZZJONIJIET

## MAGISTRAT DR. GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2002

Numru. 204/2000
Kawza Numru. 11

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Vella ta' 19-il sena iben Louis u Jane xebba Galea li joqghod 'LouJane', Triq Santa Dminka, Fontana, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 6681 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fl-4 ta' Mejju 2000 fi Triq ta' Xhajma fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Bordin, f'Ghawdex ghall-habta ta' l-4:30 p.m. saq vettura Nru SAJ 003 b'velocita` eccessiva jew b'giri aktar milli jmissu, saqt l-istess vettura b'manjiera traskurata jew negligenti jew perikoluza. B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu

tas-sewqan, habat ma' vettura Nru LAK 261 u kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' sidha Aldo Formosa minn Bugibba, Malta, aktar talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lutz Piller mill-Germanja, aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Thomas Piller mill-Germanja u dawn il-griehi skond ma ccertifika t-tabib Joseph Rapa mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Semghet il-provi;

Semghet ir-rinunzja ta' Aldo Formosa u ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu l-hsarat subiti fuq il-vettura ta' Aldo Formosa.

In vista ta' mankanza ta' provi diretti ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur